# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 175/96**

**Numru 49**

**Trevor Mallia**

**vs**

**Christopher Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur l-ammont ta' danni minnu sofferti li jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti wara li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fid-9 ta' Dicembru 1995 fi Marsa Industrial Estate, Marsa waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura D-8027 u l-attur kien qed isuq il-vettura D-0715. Prevja d-dikjarazzjoni li l-

konvenut kien unikament responabbli ghal dan l-incident minhabba imperizja, imprudenza, negligenza u inosservanza.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta fid-data tal-avviz stess kontra l-assikuraturi ta' Christopher Spiteri u dawk ta' passi legali fl-ammont ta' Lm15 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Ai fini ta' kompetenza gie dikjarat illi d-danni jammontaw ghal anqas minn mitejn u hamsin lira.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 7 tal-atti) illi t-talbiet ta' l-attur kif dedotti fl-avviz huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza stante illi huwa l-attur stess illi ghandu iwiegeb ghal kwalunkwe htija ghall-imsemmi incident.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>attur</u> xehed (a fol 12 et seq tal-atti) illi kien qed jsuq il-karozza numru D-0715, apartenenti lilu, mit-triq in kwistjoni, sabiex jmur fid-direzzjoni tal-Marsa. Hu sostna, in rigward dan, li " <u>bqajt dejjem fuq il-"lane" ta' gewwa nett</u>". Kif kien precizament qabel il-liwja ghal Hal Qormi, hu sema " u hass daqqa moghtija minn vettura ohra, dik misjuqa mill-konvenut". Difatti l-karozza tal-attur intlaqtet fuq wara fuq in-naha tal-lemin ossija fuq il-bieba ta' wara. Mad-daqqa hu kompla jsuq ghal xi ftit stante li kien inhasad bid-daqqa li qala' kif hawn fuq spjegat (ara ukoll fol 25 tal-atti kif ukoll ir-rapport tal-Pulizija esebiet mal-atti a fol 26).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>konvenut</u> (fol 38 et seq ibid) xehed li kien qed jsuq "fit-tieni 'lane' minn naha ta' gewwa cioe minn naha tax-xellug. F'certu hin, hu xeghel l-'indicator' sabiex juri li ser jidhol "fil-lane l-ohra fuq ix-xellug tieghi". Inoltre, hu hares fil-mera (kemm interna kemm fuq barra) u ra li ma kien gej hadd iehor. Pero', kif "tlett kwarti tal-karozza tieghi kienet dahlet fil-"lane" tax-xellug tieghu", skond hu "ghadda wiehed sparat ... mill-lane li go fiha kont kwazi dhalt". Bhala konsegwenza il-karozza tieghu kienet intlaqtet fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug u

"jiena tkaxkart mill-lane fejn kont kwazi dhalt ghall-lane fejn kont qabel". Inoltre dejjem skond il-konvenut l-attur, mad-daqqa "hareg lejn it-tielet lane, fuq il-lemin tieghi u hemmhekk zamm brake u waqaf madwar 60/70 pied il-boghod minnu". Hawnhekk l-attur reggha dar lejn ix-xellug tieghu u waqaf kif taqbez it-triq tac-Cimiterju tat-Torok. In rigward l-iskizz (a fol 25) hu qal li ma qabilx mieghu stante li hu kien waqaf l-fuq mid-dahla lejn Hal Qormi waqt li l-attur kien aktar il-quddiem. Inoltre hu cahad li kien qal lill-Pulizija li kien diehel lejn Hal Qormi kif hemm imnizzel fl-imsemmi rapport tal-Pulizija.

Illi in sostenn tax-xhieda moghtija minnu, l-konvenut ipproduca lill-passiggiera li kien hemm mieghu ossija <u>Claudine Agius</u> (fol 49 u 50 ibid). F'din ix-xhieda li fil-maggoranza taghha, taqbel ma dik moghtija mill-konvenut, anke xi kultant bil-kliem li intuzaw jigi notat li inghad ".. l-vettura l-ohra li laqtitna spiccat fuq it-tielet lane u mhux fuq il-lane kif murija fl-iskecc".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, wara li gew meqjusa l-provi prodotti, ghandu jinghad is-segwenti:-

a) Ma instabet ebda evidenza li l-attur kien qed jsuq b'mod eccessiv kif allega l-konvenut u kif xehdet Claudine Agius. Difatti fuq l-iskizz

imsemmi ma hemm indikati l-ebda "brakemarks"  in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

b) Il-konvenut, stess, xehed li kien ser jaqleb mit-tieni ghal go l-ewwel lane minn fejn kien ghaddej, l-attur u kollox jindika li kien qed jaghmel din il-manuvra minghajr id-debita kawtela sabiex jara li ma kien hemm vetturi ohra misjuqa fuq il-lane ta' gewwa.

c) Il-konvenut ghamel tentattiv fix-xhieda tieghu li jitfa dubbju dwar il-veracita tal-iskizz u rapport imsemmija u annessi mal-atti.  Pero' ma ngiebet ebda prova sufficjenti  ghal dan il-ghan.

d) A basi tal-premess, wara li jinghad li ma instabet ebda prova li l-attur kien b'xi mod negligenti fis-sewqan tieghu il-htija ta' dan l-incident trid tigi akkollata kollha kemm hi lill-konvenut li jidher li ghamel manuvra kif hemm fuq deskritta minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha sabiex jara li l-istess manuvra ma jkolliex il-konsegwenzi li filfatt avveraw ruhhom.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ma ingiebet ebda prova sabiex jigi kontestat l-ammont ta' danni pretiz mill-attur (ara fol 16 et seq ibid) liema danni jammontaw ghal Lm212.49,0 (ara fol 13 u 16 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja, imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm212.49,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm212.49,0 bl-imghax legali mit-28 ta' Frar 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 1996 imsemmija fl-avviz kif ukoll Lm15 ghal pariri legali.

Alan Calleja
Deputat Registratur